pressjoni li jiffaċċja Stat Membru ***f'sitwazzjoni*** ta' ***kriżi***, l-ambitu ta' rilokazzjoni jenħtieġ li jinkludi l-kategoriji kollha ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, inkluż persuni mogħtija protezzjoni immedjata, ***kif ukoll*** benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali ***u migranti irregolari***. ***Barra minn hekk, Stat Membru li jipprovdi ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jittrasferixxi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li s-soġġorn tiegħu jkun illegali mill-Istat Membru benefiċjarju jekk il-persuna kkonċernata ma tirritornax jew ma titneħħiex fi żmien erba' xhur, minflok tmien xhur kif previst mir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].***	***aħjar għall-użu u s-servizzi għall-applikanti u l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jew għal forom oħra ta' protezzjoni jekk applikabbli, u*** sabiex ***tittaffa malajr il-pressjoni*** li jiffaċċja Stat Membru ***u sabiex ikun hemm rispons effettiv għal sitwazzjoni*** ta' ***emerġenza, ir-rilokazzjoni jenħtieġ li tiġi ffaċilitata.*** L-ambitu ta' rilokazzjoni jenħtieġ li jinkludi l-kategoriji kollha ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, inkluż persuni mogħtija protezzjoni immedjata***, il-persuni mogħtija protezzjoni internazzjonali prima facie, u fil-każ li jitolbu dan u biss wara l-kunsens bil-miktub tagħhom,*** benefiċjarji ***oħra*** ta' protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 170
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Sabiex jiġi żgurat li tali kontribuzzjonijiet ikunu proporzjonali għas-sehem tal-Istat Membru kontribwenti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' żżid jew tnaqqas tali kontribuzzjonijiet billi tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

Or. en

Emenda 171
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament

Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà jenħtieġ li jinkludi miżuri li jippromwovu kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri anki fil-qasam tar-ritorn. Permezz tal-isponsorizzazzjoni tar-ritorn, Stat Membru jenħtieġ li jimpenja ruħu li jappoġġja Stat Membru f'sitwazzjoni ta' kriżi fit-twettiq tal-attivitajiet meħtieġa għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-Istat Membru benefiċjarju jibqa' responsabbli għat-twettiq tar-ritorn filwaqt li l-individwi jkunu preżenti fit-territorju tiegħu. Meta tali attivitajiet ma jkunux irnexxew wara perjodu ta' tmien xhur, l-Istati Membri ta' sponsorizzazzjoni jenħtieġ li jittrasferixxu lil dawn il-persuni skont il-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament u jenħtieġ li japplikaw id-Direttiva 2008/115/KE; jekk ikun rilevanti, l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu d-deċiżjoni tar-ritorn maħruġa mill-Istat Membru benefiċjarju f'applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/40[3a]. L-isponsorizzazzjoni tar-ritorn jenħtieġ li tifforma parti mis-sistema komuni tal-UE ta' ritorn, inkluż is-sostenn operazzjonali pprovdut permezz tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni biex tiġi promossa kooperazzjoni effettiva ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni.
	[3a] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet dwar l-espulsjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ĠU L 149, 2.6.2001, p. 34.

Or. en

Emenda 172
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10c) Id-dispożizzjonijiet ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet deskritti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn miżuri immedjati biex tiġi żgurata l-protezzjoni umanitarja, inklużi l-ewwel servizzi essenzjali, kif ukoll akkoljenza dinjituża f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u aċċess adegwat għall-proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali. Għal dan il-għan, il-miżuri eżistenti ta' kriżi fil-qasam tal-bini tal-kapaċitajiet u s-sostenn operazzjonali jistgħu jiġu attivati f'sitwazzjonijiet bħal dawn, skont il-Mekkaniżmu tal-UE għall-koordinazzjoni tat-Thejjija għall-Migrazzjoni [Blueprint dwar il-Kriżijiet] u permezz tal-appoġġ ta' emerġenza pprovdut fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM). L-Istati Membri f'sitwazzjoni ta' kriżi jenħtieġ li jiddependu aktar minn sforzi akbar tal-Unjoni, inkluż permezz tal-aġenziji tagħha, biex jassistu fl-operazzjonijiet ta' ritorn.

Or. en

Emenda 173
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 174
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 175
Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Patryk Jaki, Beata Kempa
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni.	(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni. ***Il-kunċett ta' sponsorizzazzjoni tar-ritorn jenħtieġ li jinkludi definizzjoni preċiża tar-rwoli tal-pajjiż tad-dħul, tal-pajjiż li jisponsorja u tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Jekk jintgħażel dan l-istrument, l-Istati Membri jeħtiġilhom jitħallew jindikaw in-nazzjonalità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi meħtieġa li jirritornaw, filwaqt li jqisu l-kooperazzjoni bilaterali tagħhom mal-pajjiżi ta' oriġini dwar ir-ritorni u r-riammissjoni.***

Or. pl

Emenda 176
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni ***u ritorn sponsorizzat*** jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ***tal-miżuri ta' solidarjetà*** f'sitwazzjoni ta' ***kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni***.	(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ***tar-rilokazzjoni*** f'sitwazzjoni ta' ***emerġenza***.

Or. en

Emenda 177
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' ***solidarjetà*** f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni.	(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' ***kontribuzzjoni volontarja*** f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni.

Or. en

Emenda 178
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni.	(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni ***volontarja*** u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni.

Or. fr

Emenda 179

Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) ***F'sitwazzjonijiet ta' kriżi***, ***l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu*** sett ta' miżuri ***usa'*** sabiex ***jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat u jikkontrollaw il-movimenti mhux awtorizzati***. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu ***l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn***.	(12) ***Fl-interess ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li tiffunzjona tajjeb***, ***sitwazzjoni ta' emerġenza jenħtieġ li tippermetti lill-Istat Membru kkonċernat jiskatta*** sett ta' miżuri sabiex ***jingħelbu l-isfidi li wieħed jiltaqa' magħhom fis-sistemi tal-ażil, l-akkoljenza, l-integrazzjoni jew il-protezzjoni tat-tfal***. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu ***proċedura sempliċi biex tiġi ddeterminata aktar malajr ir-responsabbiltà għat-talbiet għall-ażil, mekkaniżmu ta' rilokazzjoni obbligatorju u awtomatiku biex ir-responsabbiltà tinqasam b'mod ġust u rapidu, u l-għoti ta' protezzjoni prima facie, jew f'każ applikabbli status ta' protezzjoni immedjata***. ***Meta applikant ikun eliġibbli kemm għall-istatus ta' protezzjoni prima facie kif ukoll ta' protezzjoni immedjata, jenħtieġ li tipprevali tal-ewwel.***

Or. en

Emenda 180
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) F'sitwazzjonijiet ta' ***kriżi***, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw ***influss bil-massa*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***b'mod ordinat u jikkontrollaw il-movimenti mhux awtorizzati***. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu ***l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni***	(12) F'sitwazzjonijiet ta' ***emerġenza***, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw ***wasla sproporzjonata*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu ***mekkaniżmu ta' rilokazzjoni obbligatorju u awtomatiku, proċedura sempliċi biex***

tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura ***tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn***.

jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli u proċedura ***għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali prima facie***.

Or. en

Emenda 181
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex ***jimmaniġġjaw influss bil-massa*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***b'mod ordinat u jikkontrollaw il-movimenti*** mhux awtorizzati. ***Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn.***	(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex ***jorganizzaw protezzjoni effiċjenti fil-fruntieri u jipprevjenu d-dħul ta' għadd kbir*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***f'movimenti*** mhux awtorizzati.

Or. en

Emenda 182
Silvia Sardone, Mara Bizzotto, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat u ***jikkontrollaw il-movimenti*** mhux awtorizzati. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn.	(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' ***interni u esterni*** sabiex jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat u ***jwaqqfu l-movimenti*** mhux awtorizzati. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn.

Or. en

Emenda 183
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat u ***jikkontrollaw il-movimenti*** mhux ***awtorizzati***. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn.	(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat u ***jipprevjenu kwalunkwe moviment*** mhux ***awtorizzat jew sekondarju***. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn.

Or. en

Emenda 184
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat u jikkontrollaw ***il-movimenti mhux awtorizzati***. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn.	(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat u jikkontrollaw ***il-fruntieri esterni***. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn.

Or. en

Emenda 185
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri ***jistgħu*** jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat u jikkontrollaw il-movimenti mhux awtorizzati. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn.	(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat u jikkontrollaw il-movimenti mhux awtorizzati. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn.

Or. en

Emenda 186
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Jenħtieġ li tiġi organizzata intervista personali mal-applikant sabiex tiġi ffaċilitata d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li għandu jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali sakemm l-informazzjoni mogħtija mill-applikant ma tkunx biżżejjed biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jekk l-applikant ma jitlobx li jiġi mismugħ. Malli tiġi rreġistrata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jiġi infurmat b'mod partikolari dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-fatt li l-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali huwa bbażat fuq kriterji

oġġettivi. L-applikant jenħtieġ li jkun infurmat ukoll dwar il-ħtieġa li jippreżenta l-informazzjoni kollha li hija meħtieġa biex jiġi ddeterminat b'mod korrett l-Istat Membru responsabbli, b'mod partikolari l-preżenza ta' membri tal-familja jew qraba fl-Istati Membri. Jenħtieġ li l-applikant jiġi infurmat ukoll bis-shiħ dwar id-drittijiet tiegħu, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv u għal assistenza legali. Jenħtieġ li l-informazzjoni tiġi pprovduta lill-applikant b'lingwa li jifhem, f'forma konċiża u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi u b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet partikolari tal-minorenni.

Or. en

Emenda 187
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Sabiex tittaffa l-pressjoni fuq l-Istati Membri bi fruntieri esterni, l-Unjoni se tappoġġja l-protezzjoni effettiva tal-fruntieri kontra l-migrazzjoni illegali. Migrant irregolari tfisser kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jidħol fit-territorju tal-Istati Membri mingħajr approvazzjoni minn qabel fil-forma ta' viża jew permess ta' residenza jew li jidħol fi Stat Membru bil-forza, jew persuna li tidħol fi Stat Membru u ma tapplikax għall-protezzjoni mal-ewwel opportunità. Persuna li tixtieq tapplika għall-protezzjoni internazzjonali jeħtiġilha tagħmel dan b'mod paċifiku u mal-ewwel opportunità possibbli (f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera, f'post ta' żbark, jew f'faċilità tal-ipproċessar tal-ażil). Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jidħol fi Stat Membru bil-forza jew jivvjaġġa

minn Stat Membru mingħajr ma japplika għall-protezzjoni, kwalunkwe applikazzjoni li tiġi ppreżentata tiġi miċħuda, il-persuna titqies bħala migrant irregolari, u tinżamm u tiġi rritornata lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha.

Or. en

Emenda 188
Silvia Sardone, Mara Bizzotto, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Sabiex is-sitwazzjoni ta' kriżi tiġi ġestita b'mod sostenibbli u jiġu skoraġġuti l-qsim illegali tal-fruntieri u l-ħatt l-art fit-territorju tal-UE, il-Kummissjoni, appoġġjata mill-aġenziji rilevanti tal-UE, jenħtieġ li tistabbilixxi ċentri tal-ipproċessar tal-ażil f'pajjiżi terzi, speċjalment f'dawk li jinsabu fin-naħa tan-Nofsinhar tal-baħar Mediterran. F'dawk il-faċilitajiet, il-persunal tal-UE mħarreġ jenħtieġ li jipproċessa malajr l-applikazzjonijiet għall-ażil u jistabbilixxi jekk l-applikanti jenħtieġx li jingħataw protezzjoni internazzjonali u b'hekk jiġu rilokati b'mod sikur fi Stat Membru skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] jew jintbagħtu lura lejn il-pajjiż ta' oriġini.

Or. en

Emenda 189
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Ir-rikonoxximent tal-istatus ta' rifuġjat fuq bażi prima facie kien prattika komuni kemm tal-Istati kif ukoll tal-UNHCR għal aktar minn 60 sena. Approċċ prima facie jfisser ir-rikonoxximent minn Stat jew mill-UNHCR tal-istatus ta' rifuġjat abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi u faċilment evidenti fil-pajjiż ta' oriġini jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat li jfittxuażil, il-pajjiż ta' residenza abitwali preċedenti tagħhom. Approċċ prima facie jirrikonoxxi li dawk li qed jaħarbu minn dawn iċ-ċirkostanzi huma f'riskju ta' ħsara u li b'dan jaqgħu taħt id-definizzjoni applikabbli tar-rifuġjati.

Or. en

Emenda 190
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) F'sitwazzjoni ta' kriżi, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu u jżommu sistema li fiha s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-ażil tkun possibbli biss fil-konsolati ta' pajjiżi terzi sikuri u fejn dawk li jaslu fis-sezzjonijiet tal-fruntieri esterni li jkunu jixtiequ jissottomettu applikazzjoni hemmhekk, iżda jaslu permezz ta' pajjiż terz sikur, jiġu diretti mill-ġdid lejn il-konsulati ta' dak l-Istat Membru fil-pajjiż terz sikur ġar.

Or. en

Emenda 191
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Il-kunsiderazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħarbu t-tibdil fil-klima, jenħtieġ li titqies ukoll, meta xieraq, fid-determinazzjoni tal-gruppi speċifiċi ta' applikanti, eliġibbli li jingħataw protezzjoni internazzjonali prima facie. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu status umanitarju jew kwalunkwe status ieħor disponibbli skont il-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 192
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Sabiex tittaffa l-pressjoni fuq l-Istati Membri bi fruntieri esterni, l-Unjoni se tappoġġja finanzjarjament il-kostruzzjoni ta' barriera fiżika f'dawk il-fruntieri esterni. Il-barrieri fiżiċi se jgħinu fil-ġestjoni tal-influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u se jkun fihom movimenti mhux awtorizzati.

Or. en

Emenda 193
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12c) Koordinatur tal-UE għar-rilokazzjoni se jkun responsabbli għat-titjib tal-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorju. Il-koordinatur jaħdem mill-qrib mal-Aġenzija għall-Asil li tipprovdi l-appoġġ tekniku billi tistabbilixxi l-gwida ta' referenza ewlenija għat-tqassim ta' dawk li jfittxu l-asil, tiżviluppa materjal ta' informazzjoni u tkun responsabbli għat-trasferiment tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u l-benefiċjarji tagħha, inklużi l-benefiċjarji prima facie, fil-każijiet kollha previsti skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 194
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12d) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil jenħtieġ li tassisti lill-koordinatur tal-UE għar-rilokazzjoni billi tiddetermina l-Istati Membri responsabbli abbażi tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament u tiżgura t-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli. L-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jitqassmu b'mod proporzjonat fost l-Istati Membri filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ ir-rabtiet tal-familja u rabtiet sinifikattivi oħra tal-applikanti fid-determinazzjoni tal-Istat Membru

responsabbli. Meta l-Istati Membri jkunu huma stess Stati Membri benefiċjarji, dawn jenħtieġ li ma jkunux obbligati li jkunu Stat Membru kontribwenti.

Or. en

Emenda 195
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12e) Koeffiċjent tad-distribuzzjoni bbażat fuq id-daqs tal-popolazzjoni, l-ekonomija tal-Istati Membri u r-rata tal-qgħad jenħtieġ li jiġi applikat bħala punt ta' referenza għall-operat tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà li jippermetti d-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni globali ta' kull Stat Membru u tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltajiet fost l-Istati Membri. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil jenħtieġ li tistabbilixxi dan il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni u tistabbilixxi sistema awtomatizzata biex jiġi implimentat il-mekkaniżmu ta' solidarjetà. Fil-każ li ma jkun jista' jiġi applikat l-ebda kriterju bbażat fuq rabtiet familjari u sinifikattivi, u l-applikazzjoni motivata lil kwalunkwe Stat Membru bbażata fuq rabtiet oħra tkun ġiet miċħuda, l-applikant jenħtieġ li jiġi rrilokat fi Stati Membri li huma taħt is-sehem tagħhom ta' applikazzjonijiet abbażi tal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni. F'każ bħal dan, l-applikant jista' jagħżel bejn il-5 Stati Membri bl-inqas sehem ta' applikazzjonijiet. Wara t-trasferiment, jenħtieġ li l-Istat Membru ta' allokazzjoni jeżamina l-applikazzjoni bħala l-Istat Membru responsabbli.

Or. en

Emenda 196
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12f) Stat Membru jenħtieġ li jkun jista', fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' Stat Membru ieħor, jipprovdi postijiet addizzjonali ta' rilokazzjoni fuq bażi volontarja biex jassisti lil dak l-Istat Membru. Sabiex tiġi inċentivata s-solidarjetà volontarja permezz ta' rilokazzjonijiet addizzjonali, dawk ir-rilokazzjonijiet jenħtieġ li jiġu appoġġjati finanzjarjament mill-fond AMIF.

Or. en

Emenda 197
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12g) Huwa xieraq li jiġi inkluż metodu ċar u li jista' jitħaddem biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Dak il-metodu jenħtieġ li jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u ġusti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni kkonċernati. B'mod partikolari, dan il-metodu jenħtieġ li jiddetermina minnufih l-Istat Membru responsabbli, biex ikun iggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali

u ma jkunx kompromess l-għan tal-ipproċessar bil-ħeffa u ġust ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. Jekk l-ebda rabta familjari jew oħra sinifikattiva ma tista' tinstab matul il-proċedura tad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, l-applikant jenħtieġ li jkun jista' jagħmel talba bil-miktub, debitament motivata biex jiġi rrilokat fi kwalunkwe Stat Membru, b'mod partikolari abbażi ta' rabtiet kulturali jew soċjali, ħiliet lingwistiċi jew rabtiet oħra li jistgħu jiffaċilitaw l-integrazzjoni tiegħu fi Stat Membru speċifiku u ma setgħux jitqiesu taħt rabtiet sinifikattivi kif definiti f'dan ir-Regolament. Dawn l-applikazzjonijiet jiġu sottomessi mill-Istat Membru determinanti lil dawn l-Istati Membri, li mbagħad japplikaw il-klawżola diskrezzjonarja.

Or. en

Emenda 198
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12h) F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, huwa kruċjali li jsir investiment fl-għoti bikri ta' informazzjoni aċċessibbli lill-applikanti sabiex jifhmu l-proċeduri marbuta ma' dan ir-regolament. Jenħtieġ li f'dan ir-rigward l-Aġenzija għall-Asil tiżviluppa materjal ta' informazzjoni adatt, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali. Sabiex tgħin lill-applikanti, jenħtieġ li l-aġenzija tiżviluppa wkoll materjal ta' informazzjoni awdjoviżiv li jikkomplementa materjal ta' informazzjoni bil-miktub. Jenħtieġ li l-materjal ta' informazzjoni jiġi tradott u

jsir disponibbli bil-lingwi kollha ewlenin mitkellma mill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li jaslu fl-Unjoni. Il-kategoriji differenti tal-applikanti għandhom ħtiġijiet ta' informazzjoni differenti u, għalhekk, l-informazzjoni se jkollha tiġi pprovduta b'modi differenti u tiġi adattata għal dawk il-ħtiġijiet, inkluż għall-persuni b'diżabilità. Huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat li l-minorenni jkollhom aċċess għal informazzjoni adattata għat-tfal li hija speċifika għall-ħtiġijiet u għas-sitwazzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 199
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12i) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu identifikati l-vittmi tat-traffikar ta' bnedmin, inkluż direttament wara operazzjoni ta' Tiftix u Salvataġġ sabiex tiġi offruta protezzjoni u ma jitħallewx jiġu ttraffikati aktar fl-Unjoni. Is-suspett ta' traffikar jenħtieġ li jkun biżżejjed biex il-persuna tiġi ttrasferita għal kenn sikur.

Or. en

Emenda 200
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12j (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12j) Jenħtieġ li tiġi organizzata intervista personali mal-applikant sabiex jiġi identifikat jekk l-applikant huwiex eliġibbli għal protezzjoni internazzjonali prima facie jew tiġi ffaċilitata d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li għandu jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali sakemm l-informazzjoni mogħtija mill-applikant ma tkunx biżżejjed u jekk l-applikant ma jitlobx li jiġi mismugħ. Hekk kif issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jiġi infurmat dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u l-proċeduri u l-kriterji li qed jintużaw biex jiġi ddeterminat Stat Membru responsabbli. L-applikant jenħtieġ li jiġi infurmat dwar il-ħtieġa li jippreżenta l-informazzjoni kollha li hija rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli, b'mod partikolari l-preżenza ta' membri tal-familja jew qraba fl-Istati Membri, kif ukoll residenza preċedenti, viżi u diplomi edukattivi. Jenħtieġ li l-applikant jiġi infurmat bis-sħiħ dwar id-drittijiet tiegħu jew tagħha, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv u għal għajnuna legali mingħajr ħlas. Jenħtieġ li l-informazzjoni tiġi pprovduta lill-applikant b'lingwa li jifhem, f'forma konċiża, intelliġibbli u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi.

Or. en

Emenda 201
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12k (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12k) Il-persuna li twettaq l-intervista jenħtieġ li tkun irċeviet taħriġ suffiċjenti biex tqis iċ-ċirkostanzi personali u ġenerali tal-applikanti, inkluża l-oriġini kulturali, l-età, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali, u l-vulnerabbiltà tagħhom. Il-persunal li jintervista lill-applikanti jenħtieġ li jkollu wkoll għarfien ġenerali miksub ta' problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikanti li jiġu intervistati, bħal indikaturi li juru li l-persuna setgħet ġiet ittorturata jew sfat vittma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fil-passat.

Or. en

Emenda 202
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12l (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12l) Sabiex tiġi garantita il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-individwi kkonċernati„ għandhom ikun stabbiliti salvagwardji legali u d-dritt għal rimedju effettiv fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli, f'konformità, b'mod partikolari mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ ukoll li jingħata rimedju effettiv f'sitwazzjonijiet fejn ma titteħditx deċiżjoni ta' trasferiment iżda fejn l-applikant jiddikjara li Stat Membru ieħor huwa responsabbli. Sabiex jiġi żgurat li jiġi rispettat id-dritt internazzjonali, rimedju effettiv kontra tali deċiżjonijiet jenħtieġ li jkopri kemm l-analiżi tal-applikazzjoni ta' dan ir-

Regolament kif ukoll l-eżami tas-sitwazzjoni legali u fattwali fl-Istat Membru li għalih jiġi ttrasferit l-applikant.

Or. en

Emenda 203
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12m (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12m) Sabiex jiġi żgurat li d-determinazzjoni mgħaġġla tar-responsabbiltà u l-allokazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri ssir bla dewmien, l-iskadenzi biex isiru u jingħataw tweġibiet biex tittieħed ir-responsabbiltà, u jitwettqu t-trasferimenti, jenħtieġ li jkunu qosra, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-applikanti, id-drittijiet ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal u l-prinċipju fundamentali tal-aħjar interessi tat-tfal kif ukoll id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja u d-dritt għal rimedju effettiv. It-trasferimenti ta' minorenni mhux akkumpanjati u ta' familji b'minorenni, kif ukoll ta' applikanti vulnerabbli jenħtieġ li jingħataw prijorità.

Or. en

Emenda 204
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12n (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12n) Sabiex tiġi żgurata l-unità tal-familja, l-ipproċessar flimkien tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali tal-membri ta' familja waħda minn Stat Membru wieħed jenħtieġ li jagħmel possibbli li jkun żgurat li l-applikazzjonijiet ikunu eżaminati b'mod komplet, li d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tagħhom ikunu konsistenti u li l-membri tal-istess familja ma jiġux isseparati. L-ipproċessar flimkien tal-applikazzjonijiet ta' familja huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' applikant li jressaq applikazzjoni b'mod individwali.

Or. en

Emenda 205
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12o (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12o) Id-definizzjoni ta' membru ta' familja f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi lill-aħwa kif ukoll il-membri tal-unitajiet domestiċi li kienu jeżistu fil-pajjiż tal-oriġini tal-applikant. Ir-riunjoni tal-aħwa hija ta' importanza partikolari biex jittejbu l-possibbiltajiet ta' integrazzjoni tal-applikanti u għalhekk jitnaqqsu l-movimenti mhux awtorizzati. L-ambitu tad-definizzjoni ta' membru ta' familja jenħtieġ li jirrifletti wkoll ir-realtà tax-xejriet migratorji attwali, skont liema l-applikanti ta' spiss jaslu fit-territorju tal-Istati Membri wara perjodi twal fi tranżitu. Id-definizzjoni jenħtieġ li għalhekk tinkludi wkoll familji li ffurmaw barra mill-pajjiż tal-oriġini.

Or. en

Emenda 206
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12p (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12p) Sabiex tkun żgurata l-konformità sħiħa tal-prinċipju tal-unità tal-familja u għall-aħjar interess tat-tifel/tifla, l-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejn applikant u t-tifel/tifla, aħwa jew ġenitur tiegħu/tagħha inkluż minħabba tqala jew maternità, l-istat tas-saħħa jew ix-xjuħija tal-applikant, jenħtieġ li ssir kriterju ta' responsabbiltà vinkolanti. Meta l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, il-preżenza ta' membru tal-familja jew qarib f'territorju ta' Stat Membru ieħor li jista' jieħu ħsiebu jew ħsiebha jenħtieġ li ssir ukoll kriterju ta' responsabbiltà vinkolanti sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tat-tifel/tifla. Qabel ma minorenni jiġi ttrasferit lejn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li l-Istat Membru ta' trasferiment jikseb garanziji individwali minn dak l-Istat Membru li se jieħu l-miżuri kollha meħtieġa u xierqa biex jiżgura protezzjoni adegwata tat-tifel/tifla u b'mod partikolari ta' ħatra fil-pront ta' rappreżentat jew rappreżentanti bil-kompitu li jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet kollha li huma intitolati għalihom. Kwalunkwe deċiżjoni li minorenni jiġi ttrasferit jenħtieġ li ssir wara valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu minn tim multidixxiplinari bil-kwalifiki u bl-għarfien meħtieġa u bil-parteċipazzjoni tal-kustodju u l-konsulent legali tiegħu jew tagħha.

Or. en

Emenda 207
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12q (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12q) Fi żminijiet ta' emerġenza, huwa kruċjali li jiġu ssimplifikati r-regoli dwar l-evidenza biex jippermettu riunifikazzjoni aktar rapida tal-familja. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi ċċarat li prova formali, bħal evidenza dokumentarja oriġinali u ttestjar tad-DNA, jenħtieġ li ma tkunx meħtieġa biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-evidenza kollha disponibbli inkluża ritratti, prova ta' kuntatt u dikjarazzjonijiet tax-xhieda biex jagħmlu valutazzjoni ġusta tar-relazzjoni. L-aħjar interessi tat-tifel/tifla jenħtieġ li jkunu kunsiderazzjoni primarja tul il-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja li tinvolvi t-tfal, li trid titlesta b'mod pożittiv, uman u malajr.

Or. en

Emenda 208
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12r (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12r) Meta persuna tiddikjara li jkollha residenza legali preċedenti fi Stat Membru tal-UE, dak l-Istat Membru jenħtieġ li

jkun responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni u jenħtieġ li jsir trasferiment malajr. Fi żminijiet ta' emerġenza, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ħafifa ta' prova biex jiġi żgurat trasferiment rapidu.

Or. en

Emenda 209
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12s (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12s) Meta persuna tiddikjara li jkollha rabtiet sinifikattivi ma' Stati Membri differenti tal-UE, il-persuna jenħtieġ li tkun tista' tagħżel lil liema Stat Membru tagħmel it-talba biex ikun responsabbli.

Or. en

Emenda 210
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12t (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12t) Sabiex jiżdiedu l-prospetti ta' integrazzjoni u jiġi ffaċilitat l-ipproċessar amministrattiv tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, ikun ta' benefiċċju li jiġi żgurat li l-applikanti li jixtiequ jiġu ttrasferiti flimkien ikunu jistgħu jirreġistraw u jiġu ttrasferiti skont il-mekkaniżmu ta' distribuzzjoni awtomatizzat bħala grupp lejn Stat Membru wieħed pjuttost milli jinqasmu

bejn diversi Stati Membri. L-applikanti nfushom jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeterminaw il-grupp tagħhom u jista' jkollhom l-għażla bejn il-ħames Stati Membri bl-inqas sehem ta' applikazzjonijiet f'konformità mal-mekkaniżmu ta' distribuzzjoni. Meta applikant jikkwalifika għar-riunifikazzjoni ma' membri tal-familja jew rabtiet sinifikattivi oħra jew Stat Membru jkun għażel li jassumi r-responsabbiltà għall-applikazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet diskrezzjonali ta' dan ir-Regolament, inkluż fuq talba motivata tal-applikant, jenħtieġ li l-applikant ma jkunx jista' jifforma parti minn grupp fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' distribuzzjoni awtomatizzat. Meta applikant li jappartjeni għal grupp ma jistax jiġi ttrasferit minħabba, pereżempju raġunijiet ta' saħħa, jenħtieġ li jkun possibbli li l-membri l-oħra tal-grupp jew partijiet tal-grupp jiġu ttrasferiti lejn l-Istat Membru ta' allokazzjoni qabel l-applikant li ma jistax jiġi ttrasferit. Ladarba l-ostakoli għat-trasferiment tal-bqija tal-applikanti jiġu solvuti, jenħtieġ li l-applikanti jiġu ttrasferiti lejn l-istess Stat Membru bħall-bqija tal-grupp.

Or. en

Emenda 211
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12u (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12u) Jenħtieġ li tiġi organizzata intervista personali mal-applikant sabiex jiġi ddeterminat jekk l-applikant huwiex eliġibbli għal protezzjoni internazzjonali prima facie jew tiġi ffaċilitata d-determinazzjoni tal-Istat Membru

responsabbli li għandu jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali sakemm l-informazzjoni mogħtija mill-applikant ma tkunx biżżejjed biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jekk l-applikant ma jitlobx b'mod espliċitu li jiġi mismugħ. Malli tiġi rreġistrata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jiġi infurmat b'mod partikolari dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dwar id-drittijiet tiegħu kif ukoll dwar l-obbligi skont dan ir-Regolament u dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità magħhom u dwar il-ħtieġa li tiġi ppreżentata l-informazzjoni kollha li hija rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli, b'mod partikolari l-preżenza ta' membri tal-familja fl-Istati Membri u rabtiet sinifikattivi oħra. Jenħtieġ li l-applikant jiġi infurmat ukoll bis-sħiħ dwar id-drittijiet tiegħu, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv u għal assistenza legali. Jenħtieġ li l-informazzjoni tiġi pprovduta b'lingwa li jifhem u li jista' jikkomunika biha, f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi.

Or. en

Emenda 212
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12v (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12v) Persuna jenħtieġ li ma tinżammx f'detenzjoni abbażi ta' dan ir-Regolament. Id-detenzjoni jew il-konfinament tat-tfal, kemm jekk mhux akkumpanjati jew f'familji, qatt ma huma fl-aħjar interess tagħhom u dejjem jikkostitwixxu ksur tad-

drittijiet tat-tfal. Għalhekk jenħtieġ li jiġu pprojbiti.

Or. en

Emenda 213
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12w (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12w) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tista' tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex tittejjeb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti u jiġi ssimplifikat l-ipproċessar ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabilità.

Or. en

Emenda 214
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12x (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12x) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' formola standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti dwar minorenni mhux akkumpanjati; ta' kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar minorenni u persuni dipendenti; ta' kundizzjonijiet uniformi dwar it-tħejjija u s-sottomissjoni ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabbiltà u notifikazzjonijiet ta'

	talbiet għal teħid lura; ta' żewġ listi ta' elementi relevanti ta' evidenza u evidenza ċirkostanzjali, u r-reviżjoni perjodika tagħhom; ta' laissez-passer għat-talbiet għat-teħid tar-responsabbiltà; ta' kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' trasferimenti; ta' formola standard għall-iskambju ta' data qabel trasferiment; ta' ċertifikat tas-saħħa komuni; ta' kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-data dwar is-saħħa tal-persuna qabel trasferiment, u ta' mezzi siguri ta' trażmissjoni elettronika għat-trażmissjoni ta' talbiet.

Or. en

Emenda 215
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrattaw għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu ta' żmien itwal għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula matul tali sitwazzjonijiet ta' kriżi. Tali estensjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-applikanti għall-ażil iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. en

Emenda 216
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrattaw għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu ta' żmien itwal għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula matul tali sitwazzjonijiet ta' kriżi. Tali estensjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-applikanti għall-ażil iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. en

Emenda 217
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrattaw għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, jenħtieġ li ***jiġi stabbilit limitu ta' żmien itwal*** għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula matul tali sitwazzjonijiet ta' kriżi. ***Tali estensjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-applikanti għall-ażil iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.***	(13) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrattaw għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, jenħtieġ li ***jiġu applikati aktar riżorsi*** għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula matul tali sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Or. en

Emenda 218
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jew il-persuni mingħajr Stat li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu ***u*** li ma jistgħux jibqgħu jenħtieġ li ma jkunux awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u jenħtieġ li jinżammu fil-postijiet imsemmija fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] għal perjodu li jista' jkun itwal minn dak stabbilit minn dak l-Artikolu sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jlaħħqu mas-sitwazzjonijiet ta' kriżi u jiffinalizzaw il-proċeduri ta' ritorn; għal dan il-għan, it-tul massimu ta' 12-il ġimgħa tal-proċedura fuq il-fruntiera biex isir ir-ritorn stabbilit fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali li ma jistax jaqbeż ***it-tmien ġimgħat***. Matul dak il-perjodu, jenħtieġ li jkun possibbli li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jinżammu f'detenzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(41)(a) u (6) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], sakemm il-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn] jiġu rispettati, inkluż il-valutazzjoni individwali ta' kull każ, il-kontroll ġudizzjarju tad-detenzjoni u l-kundizzjonijiet adegwati tad-detenzjoni.	ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jew il-persuni mingħajr Stat li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu ***jew*** li ma jistgħux jibqgħu jenħtieġ li ma jkunux awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u jenħtieġ li jinżammu fil-postijiet imsemmija fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] għal perjodu li jista' jkun itwal minn dak stabbilit minn dak l-Artikolu sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jlaħħqu mas-sitwazzjonijiet ta' kriżi u jiffinalizzaw il-proċeduri ta' ritorn; għal dan il-għan, it-tul massimu ta' 12-il ġimgħa tal-proċedura fuq il-fruntiera biex isir ir-ritorn stabbilit fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali li ma jistax jaqbeż ***12-il ġimgħa oħra***. Matul dak il-perjodu, jenħtieġ li jkun possibbli li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jinżammu f'detenzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(41)(a) u (6) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], sakemm il-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn] jiġu rispettati, inkluż il-valutazzjoni individwali ta' kull każ, il-kontroll ġudizzjarju tad-detenzjoni u l-kundizzjonijiet adegwati tad-detenzjoni.
	Or. en

Emenda 250
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta tiġi applikata l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn, iċ-ċittadini	(18) Meta tiġi applikata l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn, iċ-ċittadini

ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jew il-persuni mingħajr Stat li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu u li ma jistgħux jibqgħu jenħtieġ li ma jkunux awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u jenħtieġ li jinżammu fil-postijiet imsemmija fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] għal perjodu li jista' jkun itwal minn dak stabbilit minn dak l-Artikolu sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jlaħħqu mas-sitwazzjonijiet ta' kriżi u jiffinalizzaw il-proċeduri ta' ritorn; għal dan il-għan, it-tul massimu ta' 12-il ġimgħa tal-proċedura fuq il-fruntiera biex isir ir-ritorn stabbilit fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali li ma jistax jaqbeż ***it-tmien ġimgħat***. Matul dak il-perjodu, jenħtieġ li jkun possibbli li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jinżammu f'detenzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(41)(a) u (6) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], sakemm il-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn] jiġu rispettati, inkluż il-valutazzjoni individwali ta' kull każ, il-kontroll ġudizzjarju tad-detenzjoni u l-kundizzjonijiet adegwati tad-detenzjoni.	ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jew il-persuni mingħajr Stat li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu u li ma jistgħux jibqgħu jenħtieġ li ma jkunux awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u jenħtieġ li jinżammu fil-postijiet imsemmija fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] għal perjodu li jista' jkun itwal minn dak stabbilit minn dak l-Artikolu sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jlaħħqu mas-sitwazzjonijiet ta' kriżi u jiffinalizzaw il-proċeduri ta' ritorn; għal dan il-għan, it-tul massimu ta' 12-il ġimgħa tal-proċedura fuq il-fruntiera biex isir ir-ritorn stabbilit fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali li ma jistax jaqbeż ***it-tnax-il ġimgħa***. Matul dak il-perjodu, jenħtieġ li jkun possibbli li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jinżammu f'detenzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(41)(a) u (6) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], sakemm il-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn] jiġu rispettati, inkluż il-valutazzjoni individwali ta' kull każ, il-kontroll ġudizzjarju tad-detenzjoni u l-kundizzjonijiet adegwati tad-detenzjoni.
	Or. fr

Emenda 251
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Meta japplikaw il-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn għall-eżami

ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex jakkomodaw lill-applikanti f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]. Il-persunal fil-qasam tal-asil, ir-rappreżentanti legali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni jenħtieġ li dejjem jitħallew jaċċessaw il-faċilitajiet tal-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 252
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18b) L-Istati Membri jenħtieġ li ma jżommux persuna f'detenzjoni għas-sempliċi raġuni li hija applikant għall-protezzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li jiżguraw li japplikaw is-salvagwardji rilevanti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil]. Jenħtieġ li l-awtoritajiet responsabbli jipprevedu alternattivi għad-detenzjoni fil-proċeduri fuq il-fruntiera, b'mod partikolari għall-minorenni mhux akkumpanjati, għall-familji bit-tfal u għall-applikanti b'vulnerabbiltajiet speċifiċi. Tali alternattivi jenħtieġ li jkunu disponibbli kemm bil-liġi kif ukoll fil-fatt fil-livell nazzjonali.

Or. en

Emenda 253

Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tippermetti l-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjoni ta' kriżi u tiżgura adattament xieraq tar-regoli rilevanti dwar il-proċedura tal-ażil u tar-ritorn, il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li tawtorizza lill-Istati Membri kkonċernati, fuq talba motivata tagħhom, biex japplikaw regoli ta' deroga rilevanti. Tali deċiżjoni ta' implimentazzjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru rikjedenti wieħed jew aktar biex jidderoga(w) mir-regoli rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 254
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tippermetti l-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjoni ta' kriżi u tiżgura adattament xieraq tar-regoli rilevanti dwar il-proċedura tal-ażil u tar-ritorn, il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li tawtorizza lill-Istati Membri kkonċernati, fuq talba motivata tagħhom, biex japplikaw regoli ta' deroga rilevanti. Tali deċiżjoni ta' implimentazzjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru rikjedenti wieħed jew aktar biex jidderoga(w) mir-regoli rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 255
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tippermetti l-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjoni ta' kriżi u tiżgura adattament xieraq tar-regoli rilevanti dwar il-proċedura tal-ażil u tar-ritorn, il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li tawtorizza lill-Istati Membri kkonċernati, fuq talba motivata tagħhom, biex japplikaw regoli ta' deroga rilevanti. Tali deċiżjoni ta' implimentazzjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru rikjedenti wieħed jew aktar biex jidderoga(w) mir-regoli rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 256
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tippermetti l-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjoni ta' kriżi u tiżgura adattament xieraq tar-regoli rilevanti dwar il-proċedura tal-ażil u tar-ritorn, ***il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li tawtorizza lill-Istati*** Membri ***kkonċernati, fuq talba motivata tagħhom, biex*** japplikaw regoli ta' deroga rilevanti. Tali deċiżjoni ta' implimentazzjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru rikjedenti wieħed jew aktar biex jidderoga(w) mir-regoli rilevanti.	(19) Sabiex tippermetti l-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjoni ta' kriżi u tiżgura adattament xieraq tar-regoli rilevanti dwar il-proċedura tal-ażil u tar-ritorn, ***l-Istati*** Membri jistgħu japplikaw regoli ta' deroga rilevanti ***mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni***.

Or. en

Emenda 257
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tippermetti l-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjoni ta' kriżi u tiżgura adattament xieraq tar-regoli rilevanti dwar il-proċedura tal-ażil u tar-ritorn, ***il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li tawtorizza*** lill-Istati Membri kkonċernati, fuq talba motivata tagħhom, biex japplikaw regoli ta' deroga rilevanti. Tali deċiżjoni ***ta' implimentazzjoni*** tista' tawtorizza lil Stat Membru rikjedenti wieħed jew aktar biex jidderoga(w) mir-regoli rilevanti.	(19) Sabiex tippermetti l-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjoni ta' kriżi u tiżgura adattament xieraq tar-regoli rilevanti dwar il-proċedura tal-ażil u tar-ritorn, ***il-Kunsill, f'konformità shiha mad-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tiddikjara sitwazzjoni ta' kriżi u tistabbilixxi l-firxa eżatta ta' miżuri li għandhom jiġu applikati f'tali sitwazzjoni, jista' jawtorizza*** lill-Istati Membri kkonċernati, fuq talba motivata tagħhom, biex japplikaw regoli ta' deroga rilevanti. Tali deċiżjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru rikjedenti wieħed jew aktar biex jidderoga(w) mir-regoli rilevanti.

Or. en

Emenda 258
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tippermetti l-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjoni ta' kriżi u tiżgura adattament xieraq tar-regoli rilevanti dwar il-proċedura tal-ażil u tar-ritorn, il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li tawtorizza lill-Istati Membri kkonċernati, ***fuq talba motivata*** tagħhom, biex japplikaw regoli ta' deroga rilevanti. Tali deċiżjoni ta' implimentazzjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru rikjedenti wieħed jew aktar biex jidderoga(w) mir-	(19) Sabiex tippermetti l-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjoni ta' kriżi u tiżgura adattament xieraq tar-regoli rilevanti dwar il-proċedura tal-ażil u tar-ritorn, il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li tawtorizza lill-Istati Membri kkonċernati, ***man-notifika*** tagħhom, biex japplikaw regoli ta' deroga rilevanti. Tali deċiżjoni ta' implimentazzjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru rikjedenti wieħed jew aktar biex jidderoga(w) mir-

regoli rilevanti.	regoli rilevanti.

Or. en

Emenda 259
Silvia Sardone, Mara Bizzotto, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina talba motivata sottomessa minn Stat Membru filwaqt li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	***imħassar***
_____	
[24] ***Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).***	

Or. en

Emenda 260
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina talba motivata sottomessa minn	***imħassar***

Stat Membru filwaqt li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

---

[24] ***Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).***

Or. en

Emenda 261
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina talba motivata sottomessa minn Stat Membru filwaqt li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	***imħassar***

---

[24] ***Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li***

jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 262
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***teżamina talba motivata sottomessa minn Stat Membru*** filwaqt li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tivvaluta sitwazzjoni ta' emerġenza,*** filwaqt li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]***, kif ukoll ir-rapporti tal-UNHCR, l-IOM, u partijiet ikkonċernati oħra rilevanti, u l-informazzjoni mill-Aġenziji tal-Unjoni***. ***Jekk tkun twettqet valutazzjoni tal-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil u l-akkoljenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u jkun ġie stabbilit riskju ta' pressjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-valutazzjoni u jeħtieġ li tikkonsulta biss dawk is-sorsi meħtieġa biex taġġorna l-informazzjoni eżistenti. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-aċċess għall-informazzjoni disponibbli, il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jiġi mistieden jipparteċipa fin-"Network" kif imsemmi fil-Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji.***
[24] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta'	[24] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta'

Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).	Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 263
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***teżamina talba motivata sottomessa minn Stat*** Membru ***filwaqt*** li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tivvaluta sitwazzjoni ta' kriżi jew permezz ta' notifika tal-Istat*** Membru ***kkonċernat jew abbażi tal-informazzjoni disponibbli. Il-valutazzjoni jenħtieġ*** li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].
[24] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).	[24] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 264
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***teżamina talba motivata sottomessa minn Stat Membru*** filwaqt li ***tqis*** l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] ***u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[24] ***u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]***.	(20) Il-Kummissjoni ***u l-Parlament Ewropew*** jenħtieġ li ***jivvalutaw sitwazzjoni ta' emerġenza*** filwaqt li ***jqisu*** l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] ***kif ukoll ir-rapporti tal-UNHCR, l-IOM, u r-rapporti fattwali bbażati fuq l-evidenza minn organizzazzjonijiet oħra***.

24 Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 265
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Abir Al-Sahlani, Olivier Chastel, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina talba motivata sottomessa minn Stat Membru filwaqt li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina talba motivata sottomessa minn Stat Membru ***wieħed jew aktar*** filwaqt li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

[24] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

[24] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 266
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***Il-Kummissjoni*** jenħtieġ li ***teżamina*** talba motivata sottomessa minn Stat Membru filwaqt li ***tqis*** l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Asil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni].	(20) ***Il-Kunsill*** jenħtieġ li ***jeżamina*** talba motivata sottomessa minn Stat Membru filwaqt li ***jqis*** l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Asil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni].
[24] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).	[24] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 267
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) L-inizjattiva li tintalab valutazzjoni ta' sitwazzjoni ta' emerġenza tista' tittieħed mill-Kummissjoni, l-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza, il-Kunsill jew il-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis it-talbiet għall-eżami ta' sitwazzjoni ta' emerġenza possibbli minn dawn l-atturi istituzzjonali, billi kollha għandhom responsabbiltà komuni li jibbilanċjaw l-isforzi, ir-responsabbiltà u s-solidarjetà fi ħdan l-Unjoni, u bejn l-Istati Membri, kif ukoll jirreaġixxu fil-ħin għal sitwazzjoni ta' emerġenza fi stadju bikri b'mod effettiv u ġust.

Or. en

Emenda 268
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20b) Meta tivvaluta jekk Stat Membru jkunx f'sitwazzjoni ta' emerġenza, il-Kummissjoni, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, jenħtieġ li tqis fatturi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu, inkluż l-għadd ta' applikanti għall-ażil, il-kapaċità ta' akkoljenza, il-kapaċità ta' protezzjoni tat-tfal, u l-kapaċità ta' integrazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Emenda 269
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż sa perjodu ta' mhux aktar minn sena. Wara l-iskadenza tal-perjodu rilevanti, l-iskadenzi estiżi previsti fil-proċeduri ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u tar-ritorn jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 270
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż sa perjodu ta' mhux aktar minn sena. Wara l-iskadenza tal-perjodu rilevanti, l-iskadenzi estiżi previsti fil-proċeduri ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u	***imħassar***

tar-ritorn jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 271
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Olivier Chastel, Moritz Körner, Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn ***għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż sa perjodu ta' mhux aktar minn sena***. ***Wara l-iskadenza tal-perjodu rilevanti, l-iskadenzi estiżi previsti fil-proċeduri ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u tar-ritorn jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni internazzjonali.***	(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn.

Or. en

Emenda 272
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw	(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw

żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn ***għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż sa perjodu ta' mhux aktar minn sena***. ***Wara l-iskadenza tal-perjodu rilevanti, l-iskadenzi estiżi previsti fil-proċeduri ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u tar-ritorn jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni internazzjonali.***

żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn ***għaż-żmien kollu meħtieġ***.

Or. en

Emenda 273
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, ***il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza*** l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż sa perjodu ta' mhux aktar minn sena. Wara l-iskadenza tal-perjodu rilevanti, l-iskadenzi estiżi previsti fil-proċeduri ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u tar-ritorn jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni internazzjonali.	(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, ***il-Kunsill, f'konformità sħiħa mad-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tiddikjara sitwazzjoni ta' kriżi u tistabbilixxi l-firxa eżatta ta' miżuri li għandhom jiġu applikati f'tali sitwazzjoni, jista' jawtorizza*** l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż sa perjodu ta' mhux aktar minn sena. Wara l-iskadenza tal-perjodu rilevanti, l-iskadenzi estiżi previsti fil-proċeduri ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u tar-ritorn jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni

internazzjonali.

Or. en

Emenda 274
Silvia Sardone, Mara Bizzotto, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż ***sa perjodu ta' mhux aktar minn sena. Wara l-iskadenza tal-perjodu rilevanti, l-iskadenzi estiżi previsti fil-proċeduri ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u tar-ritorn jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni internazzjonali***.	(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż ***jekk is-sitwazzjoni ta' kriżi ma tkunx ġiet solvuta***.

Or. en

Emenda 275
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm	(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm

jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż ***sa perjodu ta' mhux aktar minn sena. Wara l-iskadenza tal-perjodu rilevanti, l-iskadenzi estiżi previsti fil-proċeduri ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u tar-ritorn jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni internazzjonali***.	jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż ***sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx għadu f'sitwazzjoni ta' kriżi***.

Or. en

Emenda 276
Malik Azmani, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Olivier Chastel, Moritz Körner, Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni ta' regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx l-erba' ġimgħat, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba motivata ġdida sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-perjodu ta' applikazzjoni totali jenħtieġ li ma jaqbiżx it-tnax-il ġimgħa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 277
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni ta' regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx l-erba' ġimgħat, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba motivata ġdida sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-perjodu ta' applikazzjoni totali jenħtieġ li ma jaqbiżx it-tnax-il ġimgħa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 278
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni ta' regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx l-erba' ġimgħat, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba motivata ġdida sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-perjodu ta' applikazzjoni totali jenħtieġ li ma jaqbiżx it-tnax-il ġimgħa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 279
Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(22) Għall-istess raġunijiet, ***il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni ta'*** regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni ***għal perjodu li ma jaqbiżx l-erba' ġimgħat, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba motivata ġdida sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-perjodu ta' applikazzjoni totali jenħtieġ li ma jaqbiżx it-tnax-il ġimgħa.***	(22) Għall-istess raġunijiet, ***l-Istati Membri jistgħu japplikaw*** regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni.

Or. en

Emenda 280
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Għall-istess raġunijiet, ***il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza*** l-applikazzjoni ta' regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx l-erba' ġimgħat, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba motivata ġdida sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-perjodu ta' applikazzjoni totali jenħtieġ li ma jaqbiżx it-tnax-il ġimgħa.	(22) Għall-istess raġunijiet, ***il-Kunsill, f'konformità sħiħa mad-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tiddikjara sitwazzjoni ta' kriżi u tistabbilixxi l-firxa eżatta ta' miżuri li għandhom jiġu applikati f'tali sitwazzjoni, jista' jawtorizza*** l-applikazzjoni ta' regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx l-erba' ġimgħat, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba motivata ġdida sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-perjodu ta' applikazzjoni totali jenħtieġ li ma jaqbiżx it-tnax-il ġimgħa.

Or. en

Emenda 281
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni ta' regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx ***l-erba' ġimgħat***, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba ***motivata ġdida*** sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat. ***Madankollu, il-perjodu ta' applikazzjoni totali jenħtieġ li ma jaqbiżx it-tnax-il ġimgħa.***	(22) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni ta' regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx ***12-il ġimgħa***, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Emenda 282
Silvia Sardone, Mara Bizzotto, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni ta' regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx ***l-erba'*** ġimgħat, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba motivata ġdida sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-perjodu ta' applikazzjoni totali jenħtieġ li ma jaqbiżx it-tnax-il ġimgħa.	(22) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni ta' regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx ***ħames*** ġimgħat, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba motivata ġdida sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-perjodu ta' applikazzjoni totali jenħtieġ li ma jaqbiżx it-tnax-il ġimgħa.

Or. en

Emenda 283
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà

jenħtieġ li jiżgura kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u bilanċ tal-isforzi bejn l-Istati Membri. Meta l-Istati Membri jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' emerġenza, jenħtieġ li jirċievu appoġġ rapidu minn Stati Membri oħra permezz ta' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni rapidu, ġust u effiċjenti. Biex jiġi żgurat rispons rapidu, il-proċedura għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] jenħtieġ li tiġi ssimplifikata u jenħtieġ li tapplika proċedura sempliċi li tippermetti t-trasferiment ta' applikanti li x'aktarx jissodisfaw il-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]. Meta ma tkun tista' tiġi ddeterminata l-ebda rabta sinifikattiva ma' Stat Membru, ir-rilokazzjoni għandha tkun obbligatorja u awtomatika, filwaqt li jitqiesu l-preferenzi ta' applikant jew benefiċjarju, sabiex jittejbu l-prospetti ta' integrazzjoni.

Or. en

Emenda 284
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) Sabiex jiġi żgurat funzjonament bla xkiel tar-rilokazzjoni tal-applikanti u tal-benefiċjarji skont dan ir-Regolament, u bil-ħsieb li jiġu ottimizzati l-isforzi kollha ta' rilokazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni taħtar Koordinatur tal-UE għar-Rilokazzjoni. Il-Koordinatur tal-UE għar-Rilokazzjoni jenħtieġ li jingħata l-kompitu li jimmonitorja u jikkoordina l-aspetti operazzjonali tar-rilokazzjonijiet, jenħtieġ li jaġixxi bħala punt ċentrali ta'

kuntatt u informazzjoni u jenħtieġ li jassisti fis-soluzzjoni tal-kunflitti li jirriżultaw bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Koordinatur tal-UE għar-Rilokazzjoni jenħtieġ li, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Aġenzija għall-Ażil, jippromwovi wkoll metodi ta' ħidma koerenti, għall-verifika ta' kwalunkwe rabta sinifikattiva li l-persuni eliġibbli għal rilokazzjoni jista' jkollhom ma' Stati Membri ta' rilokazzjoni. Il-Koordinatur tal-UE għar-Rilokazzjoni jenħtieġ li, b'mod partikolari, jagħmel ħiltu biex jagħti prijorità lill-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, b'mod partikolari lill-minorenni mhux akkumpanjati, u lil benefiċjarji ta' protezzjoni prima facie fit-trasferimenti ta' rilokazzjoni. L-uffiċċju tal-Koordinatur għar-Rilokazzjoni jenħtieġ li jiġi pprovdut b'biżżejjed persunal u riżorsi biex jissodisfa dan ir-rwol b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 285
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 22c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(22c) Koeffiċjent tar-referenza bbażat fuq id-daqs tal-popolazzjoni u tal-ekonomija tal-Istati Membri, kif ukoll l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil ipproċessati u ta' rifuġjati risistemati jew ammessi per capita jenħtieġ li jiġi applikat bħala punt ta' referenza għall-operat tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà f'sitwazzjoni ta' emerġenza, li jippermetti d-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru. Dan il-koeffiċjent tar-referenza jenħtieġ li jiġi applikat ukoll meta l-ebda Stat Membru ma jkun jista'**

jiġi identifikat bħala responsabbli għal talba għall-ażil jew għall-benefiċjarju, abbażi tal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u permezz tal-proċedura sempliċi deskritta f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Koordinatur tal-UE għar-Rilokazzjoni u lill-Aġenzija għall-Ażil meta tistabbilixxi dan il-mekkaniżmu.

Or. en

Emenda 286
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 22d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22d) Meta l-ebda Stat Membru ieħor ma jkun jista' jiġi identifikat bħala responsabbli għal applikazzjoni għall-ażil, l-applikanti li ppreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom jew għall-benefiċjarju fl-Istat Membru determinanti jenħtieġ li jiġu allokati lill-Istati Membri li huma taħt is-sehem tagħhom ta' applikazzjonijiet abbażi tal-koeffiċjent tar-referenza kif applikat għal dawk l-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu l-preferenzi tal-applikanti.

Or. en

Emenda 287
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 22e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22e) Stat Membru jenħtieġ li jkun jista',

fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' Stat Membru ieħor f'sitwazzjoni ta' emerġenza, jirriloka applikanti u benefiċjarji fuq bażi volontarja biex jassisti lil dak l-Istat Membru jindirizza s-sitwazzjoni.

Or. en

Emenda 288
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 22f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22f) Stat Membru f'sitwazzjoni ta' emerġenza, fuq talba, jenħtieġ li jirċievi wkoll appoġġ mir-riżerva ta' solidarjetà kif imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

Or. en

Emenda 289
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 22g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22g) Meta jitqies ir-rwol kruċjali li għandhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tar-rilokazzjoni u l-integrazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawk l-awtoritajiet lokali, li jixtiequ hekk, ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċess ta' rilokazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-appoġġ għar-rilokazzjoni offrut mill-bliet u r-reġjuni, billi r-rilokazzjoni u l-integrazzjoni jiddependu prinċipalment mill-atturi fil-

livell lokali; huma għalhekk atturi ewlenin fil-kisba ta' solidarjetà sinifikattiva u trajettorji ta' rilokazzjoni ta' suċċess. Meta l-Istati Membri jirċievu appoġġ finanzjarju għar-rilokazzjoni, dawn jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali li jappoġġjaw il-proċess ta' rilokazzjoni jibbenefikaw minn dan l-appoġġ finanzjarju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mill-2015, eluf ta' muniċipalitajiet iddikjaraw lilhom infushom bħala bliet ta' rifuġju jew portijiet sikuri, u esprimew ir-rieda tagħhom li jilqgħu lir-rifuġjati u lil dawk li jfittxu l-ażil maqbuda fil-fruntieri esterni. Huwa importanti li r-rwol u r-rieda tal-muniċipalitajiet li jappoġġjaw l-isforzi ta' solidarjetà fil-livell tal-UE jiġu riflessi fil-proposti tal-Patt. Għalhekk, ix-shadow rapporteur jipproponi għadd ta' premessi u żidiet fl-Artikoli li se jsaħħu r-rwol tal-muniċipalitajiet li huma lesti jagħmlu dan, billi jsaħħu r-rwol tagħhom fl-isforzi ta' rilokazzjoni u jfittxu li jiżguraw li jirċievu inċentivi finanzjarji.

Emenda 290
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 22h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22h) Sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri jkunu effiċjenti u jippermettu lill-applikanti jirċievu deċiżjoni fil-pront dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjoni ta' emerġenza, l-applikazzjonijiet li r-raġuni tagħhom għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali bħar-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, l-opinjoni politika jew is-sħubija fi grupp soċjali partikolari hija evidenti għandhom jingħataw prijorità billi dawn l-applikanti jingħataw protezzjoni internazzjonali prima facie. L-għoti ta' protezzjoni internazzjonali prima facie huwa meħtieġ b'mod partikolari peress li, f'sitwazzjoni ta' emerġenza, id-determinazzjoni tal-istatus individwali

spiss ma tkunx prattika, tkun impossibbli jew ma tkunx meħtieġa.

Or. en

Emenda 291
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 22i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22i) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali prima facie jibbenefikaw mill-istatus ta' rifuġjat fil-pajjiż fejn isir tali rikonoxximent u jkollhom aċċess effettiv għad-drittijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] applikabbli għar-rifuġjati.

Or. en

Emenda 292
Damian Boeselager

Proposta għal regolament
Premessa 22j (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22j) Is-sitwazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaħarbu t-tibdil fil-klima, jenħtieġ li titqies ukoll, meta xieraq, fid-determinazzjoni tal-gruppi speċifiċi ta' applikanti, eliġibbli li jingħataw protezzjoni internazzjonali prima facie.

Or. en

Emenda 293
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) F'sitwazzjoni ta' kriżi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula minn persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, fejn huma jiffaċċjaw livell għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat. F'każ bħal dan, dawk il-persuni jenħtieġ li jingħataw status ta' protezzjoni immedjata. L-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu bl-eżami tal-applikazzjoni tagħhom sa mhux aktar tard minn sena mis-sospensjoni tagħha.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 294
Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(23) F'sitwazzjoni ta' kriżi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula minn persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, fejn huma jiffaċċjaw livell għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat. F'każ bħal	***imħassar***

